**Media Release**
**21 ta' Frar 2009**

*Stqarrija mahruga minn Claudette Abela Baldacchino membru tal-Grupp Socjalista fil-Kumitat tar-Regjuni*

**Il-ligijiet li jipprotegu lill-haddiema u l-Fondi Ewropej ghandhom jintuzaw b'aktar efficjenza fl-ahjar interess ta' kulhadd**

Il-Fondi Strutturali ghandhom jiġu użati b'mod effiċjenti biex jappoġġjaw miżuri li jħeġġu l-inklużjoni soċjali u biex jippromovu l-aċċessibilità għas-suq tax-xogħol. Hekk sostniet Claudette Abela Baldacchino, Rappporteur dwar il-Komunikazzjoni u d-Direttiva ghat-Trattament Ugwali meta kienet qed tressaq ir-Rapport taghha ghad-diskussjoni preliminari fil-Kummissjoni ghall-Politika Ekonomika u Socjali fi hdan il-Kumitat tar-Regjuni tal-UE.

Abela Baldacchino sahqet illi l-istituzzjonijiet Ewropej ghandhom iservu biex jizgura il -holqien ta' Ewropa Socjali, Ewropa kapaci tisma', taghder u thenn, Ewropa li tpoggi lin-nies fuq quddiem tal-agenda taghha u li thares lejn ekonomija lit kun ghas-servizz tan-nies u mhux li n-nies ikunu ghas-servizz tal-ekonomija.

Claudette Abela Baldacchino spjegat kif il-familji qeghdin jiffaċċjaw diffikultajiet kbar. Jezistu sitwazzjonijiet ta' haddiema b'kuntratti ta' mpjieg sahansitra ta' xahar xahar u li ma jafux jekk ghada hux se jkollhom xoghol. Jezistu sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni u ta' sfruttament. Lill-haddiema sitwazzjonijiet bhal dawn jaffettwawhom kemm finanzjarjament, socjalment u psikologikament, u huwa propju ghalhekk il-htiega biex il-ligijiet Ewropej li jharsu u jiddefendu lil haddiema u l-familji taghhom kif jidentifika l-manifest tas-Socjalisti Ewropej ghall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Gunju li gej, sostniet Abela Baldacchino

Fir-rapport taghha, Abela Baldacchino taccenna wkoll dwar il-qaghda taz-zghazagh u tal-pensjonanti, zewg kategoriji li ghal ragunijet differenti qedghin kull ma jmur isibuha difficli sabiex jghixu f'livell ta' hajja dicenti.

Ghal Abela Baldcchino, biex ikollna drittijiet xierqa, l-Ewropa ghandha tiftakar ukoll fin-nisa, kemm dawk li jahdmu bi qliegh kif ukoll dawk li qed jahdmu gewwa djarhom jiehdu hsieb tal-familja, tfal u anzjani minghajr hlas.

Huwa ghalhekk l-appell lill-Parlament u l-Kummissjoni Ewropeja minn Claudette Abela Baldacchino, biex fit-tfassil tal-Komunikazzjoni u tad-Direttiva ghat-Trattament Ugwali jwasslu ghall-bidliet li hemm bzonn ghas-soluzzjonijiet socjali tant mehtiega.

Ir-Rapport imressaq minn Claudette Abela Baldacchino ghandu jkompli jigi diskuss mill-Kummissjoni ECOS fi hdan il-Kumitat tar-Regjuni tal-UE fid-29 t'April li gej. Huwa mistenni li jitressaq ghal vot finali matul is-sessjoni Plenarja tal-Kumitat tar-Regjuni tal-UE ta' Gunju.

**Claudette Abela Baldacchino**
**Membru tal-Grupp Socjalista fil-Kumitat tar-Regjuni**